



Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 23/21
Il-Lussemburgu, 25 ta' Frar 2021

Sentenza fil-Kawża C-615/19 P
Dalli vs Il-Kummissjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma ċ-ċaħda tar-rikors tal-ex Kummissarju Ewropew John Dalli

J. Dalli talab kumpens għad-dannu allegatament imġarrab minħabba t-tmiem tal-funzjonijiet tiegħu

Permezz ta' sentenza tat-12 ta' Mejju 2015 ¹, il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea kienet ċaħdet ir-rikors ta' John Dalli, ex Kummissarju Ewropew, intiż għall-annullament tad-"deċiżjoni verbali tas-16 ta' Ottubru 2012, [allegatament] meħuda mill-President tal-Kummissjoni, li ttemm b'effett immedjat l-inkarigu tiegħu" u għall-kumpens tad-dannu mġarrab fl-ammont ta' EUR 1 simboliku fir-rigward tad-dannu morali u fl-ammont ta' EUR 1 913 396 fir-rigward tad-dannu materjali. Permezz ta' digriet tal-14 ta' April 2016 ², il-Qorti tal-Ġustizzja kienet ċaħdet l-appell ippreżentat minn J. Dalli minn din is-sentenza.

J. Dalli, għal darba oħra, ippreżenta rikors quddiem il-Qorti Ġenerali għall-kumpens għad-dannu, b'mod partikolari morali, li huwa kien allegatament ġarrab minħabba l-aġir illegali tal-Kummissjoni, inkluż l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), b'raba mat-tmiem tal-funzjonijiet tiegħu bħala Membru tal-Kummissjoni, b'effett immedjat fis-16 ta' Ottubru 2012. Permezz tas-sentenza tagħha tas-6 ta' Ġunju 2019 ³, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors tiegħu.

J. Dalli appella quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, fejn talab l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali. Barra minn hekk, J. Dalli talab lill-Qorti tal-Ġustizzja tordna l-kumpens tad-dannu, b'mod partikolari morali, li huwa allegatament ġarrab u li seta' jiġi stmat, b'mod provviżorju, fl-ammont ta' EUR 1 000 000.

Permezz tas-sentenza tagħha mogħtija illum, **il-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appell ta' J. Dalli**. Il-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad is-seba' argumenti invokati minn J. Dalli: sitta minnhom kienu dwar l-evalwazzjoni tal-aġir tal-OLAF u s-seba' wieħed kien jikkonċerna l-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar ir-realtà tad-dannu allegat u dwar l-eżistenza ta' raba kawżali bejn l-aġir ta' din l-istitutazzjoni u d-dannu invokat.

NOTA: Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tieħu konjizzjoni ta' appell, limitat għal punti ta' liġi, minn sentenza jew minn digriet tal-Qorti Ġenerali. Bħala prinċipju, l-appell ma għandux effett sospensiv. Jekk ikun ammissibbli u fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Fil-każ fejn il-kawża hija fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' hija stess taqta' l-kawża b'mod definittiv. Fil-każ kuntrarju, hija għandha tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, li tkun marbuta bid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

¹ Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-12 ta' Mejju 2015, Dalli vs Il-Kummissjoni ([T-562/12](#)); ara l-Istqarrija għall-istampa Nru [51/15](#).

² Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' April 2016, Dalli vs Il-Kummissjoni ([C-394/15 P](#)); ara l-Istqarrija għall-istampa Nru [40/16](#).

³ Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-6 ta' Ġunju 2019, Dalli vs Il-Kummissjoni ([T-399/17](#)); ara l-Istqarrija għall-istampa Nru [70/19](#).